# IL-QORTI ĠENERALI

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Awwissu 2015 – Sales & Solutions vs UASI Wattline (WATTLINE)**

**(Kawża T-46/14)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2015/C 337/14)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Sales & Solutions GmbH (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Gründig-Schnelle, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: G. Schneider u D. Botis, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Wattline GmbH (Ruderting, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Flisek, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-18 ta' Novembru 2013 (Każ R 1668/2012-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Sales & Solutions GmbH u Wattline GmbH.

**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *Sales & Solutions GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 78, 15.3.2014.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Lulju 2015 – NK Rosneft *et* vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-69/15)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi adotatti fir-rigward tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Lis alibi pendens — Inammissibbiltà manifesta")***

(2015/C 337/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* NK Rosneft OAO (Moska, ir-Russja); RN-Shelf-Arctic OOO (Moska); RN-Shelf-Dalniy Vostok ZAO (Yuzhniy-Sakhalin, ir-Russja); RN Exploration OOO (Moska); u Tagulskoe OOO (Krasnoyarsk, ir-Russja) (rappreżentant: T. Beazley, QC)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Boelaert u B. Driessen, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/872/PESK, tal-4 ta' Diċembru 2014, li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina u d-Deċiżjoni 2014/659/PESK li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK (ĠU L 349, p. 58), kif ukoll tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1290/2014, tal-4 ta' Diċembru 2014, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina, u jemenda r-Regolament (UE) Nru 960/2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 (ĠU L 349, p. 20), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli*

2) *NK Rosneft OAO, RN-Shelf-Arctic OOO, RN-Shelf-Dalniy Vostok ZAO, RN-Exploration OOO, u Tagulskoe OOO għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 228, 13.7.2015.

---

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2015 – JT vs UASI – Carrasco Pirard *et* (QUILAPAYÚN)**

**(Kawża T-249/15)**

(2015/C 337/16)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* JT (Pariġi, Franza) (rappreżentant: A. Mena Valenzuela, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Eduardo Carrasco Pirard (Santiago, iċ-Ċilì), Guillermo García Campos (Brussell, il-Belġju), Luis Hernán Gómez Larenas (Pariġi, Franza), Hugo Lagos Vásquez (Taverny, Franza), Ismael Oddo Méndez (Santiago, iċ-Ċilì), Carlos Quezada Salas (Colombes, Franza), Ricardo Venegas Carhart (Santiago, iċ-Ċilì), Sebastián Quezada (Pariġi, Franza)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* it-trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali "QUILAPAYÚN" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 9 267 287

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-13 ta' Marzu 2015 fil-Każ R 354/2014-2